MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Numru. 195/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sareo)**

**vs**

**Matthew Falzon**

**Kumpilazzjoni Nru: 195/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matthew Falzon u detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 2584(M).

Akkuzat talli bejn it-13 ta' Novembru 2104 u s-7 ta' Dicembru 2014 minn gewwa r-residenza b'l-isem Precious Stone, 10, Triq in-Nevew Zabbar, ikkommetta serq ta' madwar €334 f'muniti ghad-detriment ta' ommu Gemma Falzon u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Gemma Falzon.

Rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni annke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in knsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat lest li jibda jindirizza il-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjopdu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. Peress illi l-ufficjal prosekutur flimkien mal-parte leza irrinunzjaw ghat-talba biex jinhareg ordni ta' protezzjoni l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba dedotta fic-citazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------